31996D0158

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Frar 1996

dwar it-tpoġġija fis-suq ta' prodott li jikkonsisti f'organiżmu ġenetikament modifikat, żerriegħa *swede-rape* ibrida li tittollera l-erbiċidi (*Brassica napur L. oleifera Metzq.* MS1Bn × RF1Bn), wara d-Direttiva tal-Kunsill 90/220/EEC

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(96/158/KE)

L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar ir-rilaxx intenzjonali fl-ambjent ta' l-organiżmi ġenetikament modifikati (1), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/15/KE (2), u l-aktar l-Artikolu 13 tagħha,

Billi, skond l-Artikoli 10 sa 18 tad-Direttiva 90/220/KEE, teżisti proċedura tal-Komunità li tippermetti lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tagħti l-kunsens għat-tpoġġija fis-suq ta' prodotti ħajja li jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati;

Billi, notifikazzjoni dwar it-tpoġġija fis-suq ta' prodott bħal (żerriegħa *swede-rape* ibrida li tittollera l-erbiċidi) dan ingħata lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit bil-ħsieb li titkabbar biex tinġabar iż-żerriegħa iżda mhux biex tiġi mmarkitjata bħala ikel għall-konsum tal-bniedem jew għal għalf għall-annimali,

Billi, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit wara għaddew l-inkartament dwar dan lill-Kummissjoni b'opinjoni favorevoli;

Billi l-Kummissjoni għaddiet l-inkartament lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha; billi l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra oġġezzjonaw għal dan l-inkartament;Billi l-oġġezzjonijiet ħolqu preokkupazzjoni dwar:

— l-assessjar ta' l- effetti fuq il-mudell ta' użu ta' erbiċidi kimiċi u n-nuqqas ta' ċertezza dwar xi konsegwenzi ambjentali fit-tul li jistgħu jirriżultaw,

— l-assessjar ta' l-effetti fuq is-saħħa (tossikoloġiċi) tal-prodott jekk jiġi użat għall-ikel għall-bniedem jew bħala għalf għall-annimali, u

— l-ittikkettjar tal-prodott;

Billi, għaldaqstant, skond l-Artikolu 13(3), jeħtieġ li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni skond il-proċedura li hemm ipprovduta fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 90/220/KEE;

Billi l-awtorizzazzjoni għall-użu fl-ambjent ta' erbiċidi kimiċi huwa soġġett għal leġislazzjoni komunitarja oħra, u partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li hija dwar it-tpoġġija fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni għal pjanti (3), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/43/KE (4); billi, mela, dak li għandu x'jaqsam ma' l-awtorizzazzjoni ta' l-erbiċida ma huwiex fil-kompetenza tad-Direttiva 90/220/KEE;

Billi fin-notifika magħmula skond id-Direttiva 90/220/KEE, saret stima tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent mis-soppravvivenza u t-tifrix tas-*swede-rape* tolleranti għall-erbiċidi, kif ukoll dwar it-trasferiment tal-ġeni li huwa tolleranti għall-erbiċida jew ta' ġeni modifikati oħra fi speċi kompatibbli; billi ġie konkluż li r-riskju li dan jistabbilixxi ruħu huwa baxx u li t-tifrix jew trasferiment tal-ġeni li huwa tolleranti għall-erbiċidi seta' jiġi kkontrollat bl-użu ta' strateġiji ta' tmexxija eżistenti;

Billi, l-Kummissjoni, wara li eżaminat l-inkartament ippreżentat skond id-Direttiva 90/220/KEE, u wara li kkunsidrat l-informazzjni kollha mogħtija mill-Istati Membri, sabet li l-informazzjoni fl-inkartament dwar ir-riskji għall-ambjent hija biżżejjed sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni favorevoli dwar it-tpoġġija fis-suq ta' dan il-prodott fil-forma ta' żerriegħa, sakemm jiġu segwiti l-kundizzjonijiet speċifikati dwar l-użu u l-ittikkettjar;

Billi, l-Artikolu 11(6) u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 90/220/KEE jipprovdu protezzjoni ulterjuri jekk l-informazzjoni dwar ir-riskji tal-prodott issir disponibbli:

Billi l-miżuri li hemm ipprovduti fid-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 21 tad-Direttiva 90/220/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

1. Bla ħsara għad-diżposizzjonijiet stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 69/208/KEE (5) u għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tar-Renju Unit għandhom jagħtu l-kunsens għat-tpoġġija fis-suq tal-prodott li ġej, li ġie nnotifikat minn Plant Genetic Systems (Riferenza C/UK/94/M1/1), skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 90/220/KEE.

Il-prodott huwa magħmul minn żerriegħa ħajja tas-*swede-rape* ibrida (Brassica napus L. oleifers Metzq.) li hija derivata billi jintuża:

(a) id-dixxendenti tal-linja maskili, sterili tas-*swede-rape* MS1 (B91-4) *cultivar Drakkar* li fih il-kodiċi tal-ġeni *barnase* mill-*bacillus amyloliquefaciens* għar-*ribonuclease*, il-*bar gene* mill-kodiċi *Streptomyces hygroscopicus* għal *phosphinothricin acetyl transferase*, il-ġeni l-ġdid mill-kodiċi *Escherichia coli* għan-*neomycin phosphotransferase* II, l-aġent mexxej PSsuAra mill-*Arabidopsis thaliana*, l-aġent mexxej PNos mill-*Agrobacterium tumefaciens*, l-aġent mexxej PTA29 minn *Nicotiana tabacum*; u

(b) id-dixxendenti li jagħti lura l-fertilità lil-linja tas-*swede-rape* RF1BN (B93-101) *cultivar Drakkar* li fih il-ġeni barstar mill-kodiċi tal-*Bacillus amyloliquefaciens* għar-*ribonuclease inhibitor*, il-ġeni bar mill-kodiċi ta' l-*isreptomyces hygroscopicus* għall-*phosphinothricin acetyl transferase*, il-ġeni l-ġdid mill-kodiċi tal-*Escherichia coli* għan-*neomycin phosphotransferase* II, l-aġent mexxej PssuAra mill-*arabidopsis tahliana*, l-l-aġent mexxej PNos mill-*Agrobacterium tumefaciens*, l-aġent mexxej PTA29 minn *Nicotiana tabacum*.

2. Il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-kunsens huma kif ġej:

(a) Il-kunsens japplika għaż-żerriegħa ta' l-ibridi kollha bejn is-*sewde-rape* li mhix ġenetikament modifikata u s-*swede-rape* ġenetikament modifikata kif deskritta fil-paragrafu 1 iżda l-kunsens ma japplikax għaż-żerriegħa ta' kwalunkwe ibridi li jirriżultaw minn ġabra ta' xi pjanti ġenetikament modifikati ħlief dawk deskritti fil-paragrafu 1.

(b) Il-kunsens japplika biss għall-użu notifikat tal-prodott biex jitkabbar sabiex tottjeni ż-żerriegħa, iżda ma jkoprix għall-ikel għall-bniedem jew għal għalf għall-annimali, dan mingħajr preġudizzju għall-assessjar futur tal-prodott għall-użu ta' hekk.

(ċ) B'żieda ma' tikkettjar ieħor għandu jiġi indikat fuq it-tikketta ta' kull pakkett taż-żerriegħa illi l-prodott huwa tolleranti għall-erbiċida glufosinateammonium; u li l-prodott għandu jintuża biss għat-tkabbir taż-żerriegħa u mhux għall-ikel għal bniedem jew għall-għalf ta' l-annimali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis- 6 ta' Frar 1996.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni